MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 30/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**LEO BORG**
**MARC BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **LEO BORG** ta’ ghoxrin sena bin Carmelo u Carmela nee Pellicano, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta’ Settembru 1983 u residenti 10, Triq l-Imdina, H’Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 511483M u **MARC BORG** ta’ hmistax il-sena, bin Carmelo u Carmela nee Pellicano, imwieled Pieta nhar t-tletin ta’ Novembru 1987 u residenti 10, Triq l-Imdina, H’Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 9588M, gew imressqa quddiemha

akkuzati talli fit-tmienja ta’ Novembru 2002, ghal habta tad-disgha w ghoxrin ta' filghaxija fl-Gharb, Ghawdex, ikkommettew serq ta’ karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079 ghad-dannu ta’ Annabelle Sultana, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, xjentement f’Ghawdex laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom u cioe karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079 ta’ valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta’ Annabelle Sultana.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, voluntarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara f’karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079 ghad-dannu ta’ Annabelle Sultana, liema ammont ta’ hsara jeccedi l-hames mitt lira maltin.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, voluntarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara f’mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni EBD 064 gad-dannu ta’ Twanny Sultana mill-Gharb, Ghawdex, liema ammont ta’ hsara huwa ta’ izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, minghajr l-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra jew gabulha disordni f’mohha u cioe kkagunaw ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Twanny Sultana mill-Gharb, Ghawdex, skond kif iccertifika t-tabib tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex, Doctor Mario Saliba.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjes li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2003 [fol 135].

Rat d-dokumenti kollha esibiti u cioe l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Dicembru 2004 [fol 178] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti [fol 179].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ewwel ta' Gunju 2006 [fol 269].

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 29] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Novembru 2003, kienu rcivew telefonata minghand Annabelle Sultana li kienet ghadha kemm rat zewg guvintur jisirqu l-karozza Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 minn quddiem r-residenza taghha 'Black Pearl' fi Triq Frangisk Portelli, l-Gharb w ghalhekk l-pulizija minnufih marru fuq il-post.

Hemm tkellmu maghha u din qaltilhom li kienet semghet xi hsejjes minn gewwa u meta ttawwlet rat zewg guvintur w identifikat wiehed minnhom billi qalet li kien liebes qmis safranija u bi xaghru *blond* u *spiky*. Qalet li zewgha Twanny, sadanitant kien gera bil-mutur tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064 warajhom u ftit wara cemplilha u qalilha li dawn iz-zewg guvintur kienu hallew l-karozza tagghom d-Dwejra. Ix-xhud kompla jghid li wara marru d-Dwejra fejn sabu l-imsemmija vettura b'daqqiet fuq in-naha ta' quddiem, fuq gewwa bi hsarat, bi hgiega miksura

w r-radio CD player w ic-cavetta tal-vettura, li kienet fil-kompartiment tal-bieba tal-lemin nieqsa.

Zied jghid li r-ragel ta’ Annabelle Sultana, Twanny, kien stqarr maghhom kif kien mexa wara dawn iz-zewg guvintur bil-mutur tieghu sad-Dwejra, u li rahom jinzlu mill-vettura ta’ martu u jirkbu vettura ohra, tal-ghamla Izuzu Gemini ta’ kulur metallic grey bin-numru ta’ registrazzjoni li dak l-hin tahulhom bhala IBA 648 u li fiha kien hemm zewg persuni ohra jistennewhom.

Qalilhom li x’imkien l-Gharb, l-hallelin dahlu fi sqaq u hu pprova jimblukkhom bil-mutur tieghu u huma tefghu xi gebel u wiehed minnhom beda jheddu li kellu senter u li kien lest jisparalu u saqu ghal fuqu u kellu jwarrab. Qalilhom wkoll li hekk kif ghaddew diversi drabi minn hdejh, laqtulu l-mutur tieghu bil-hsieb li ma jkomplix isegwihom.

Ix-xhud qal li l-allegati vittmi kienu nfurmawh li tlieta mill-aggressuri x’aktarx li kienu maltin w ghalhekk ghamlu l-ghassa fuq il-moll tal-Imgarr u ftit tal-hin wara l-allegati vittmi nnutaw liz-zewg imputati presenti fl-awla jixtru l-biljetti biex jirkbu l-vapur tal-hdax.

Zied jghid li meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat Leo Borg sabu cavetta ta’ vettura Izuzu, li kienet ta’ missier l-imputati, ipparkjata quddiem supermarket fi Triq l-Imgarr, liema cavetta qablet ma din il-vettura. Kompla jghid li l-pulizija wkoll kienu sabu radio li kien inqala mill-karozza tal-allegati vittmi fi triq mill-Gharb ghad-Dwejra.

Ix-xhud qal li dawn iz-zewg guvintur kienu arrestati u l-ghada gew interrogati wara li nghataw s-solita twissija, pero dawn baqghu jichdu li kienu huma li serqu l-imsemmija vettura ta’ Annabelle Sultana, minkejja li l-allegati vittmi kienu gharfuhom. Qal li peress li l-imputat Marc Borg kien taht l-eta ghaliex kellu hmistax il-sena, waqt l-interrogazzjoni kien hemm missieru Carmelo Borg, li ffirma fuq l-istqarrija. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija ta’ Mark Borg li giet mmarkata bhala dokument MC 1 [fol 33] fejn hemm il-firma ta’ missieru, u l-istqarrija ta’ Leo Borg li

giet mmarkata bhala dokument MC 2 [fol 35] fejn dan l-imputat ghogbu ma jiffirmax.

Qal li l-vettura in kwistjoni ttiehdet l-ghassa ghal aktar investigazzjoni mill-espert tal-Qorti Joseph Zammit fejn wara li ezaminha sab li kellha dawk id-daqqiet li kien ddeskriva Twanny Sultana qabel meta kien segwih fi sqaq w ipprova jwaqqfu milli jkompli jsegwih. Qal li meta giet ezaminata l-vettura Izuzu Gemini ta' kulur metallic grey, rrizulta li n-numru ta' registrazzjoni li kien tahom Twanny Sultana kien IBA 648 meta fil-fatt hu kien bidel l-ahhar numru li fil-fatt kien 3 ghal 8.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehdet Annabelle Sultana** [fol 38] fejn qalet li kien is-Sibt ghal habta tad-disgha jew d-disgha w kwart ta' bil-lejl, meta semghet hgieg jinkiser u harget tittawwal mill-gallarija u rat tnejn minn nies jitilqu bil-karozza taghha lejn in-naha ta' San Lawrenz. Ix-xhud gharfet wiehed minn dawn t-tnejn bhala l-imputat Leo Borg presenti fl-awla u dan ghaliex peress li l-bieba tal-karozza m'inghalqitx, l-bozza ta' gol-vettura baqghet mixghula. Hi kkonfermat li kien hu li kellu xaghru *spiky*, kien liebes *jeans* u hdejh kien hemm persuna ohra li kienet liebsa skur. Qalet li hi bdiet tghajjat lil zewgha, nizel isfel, hareg il-mutur u mar isegwihom lejn d-Dwejra. Ziedet tghid li aktar tard saret taf li l-vettura nstabet d-Dwejra bi hsara estensiva, mahbuta ma hajt, quddiem u gewwa imkisser, rota miksura, l-bibien elevati, daqqiet ta' sieq fuqha, bla stereo u bla mera. Qalet li hi nizlet d-Dwejra ma zewgha bil-karozza ta' ommha u wara nizlu x-xatt peress li kellhom suspett li l-aggressuri kienu maltin, stennew hemmhekk u raw tnejn minnhom li kienu qed jaqtghu l-biljett tal-vapur u kienu telghin fuqu bil-mixi u hemm gew arrestati mill-pulizija. Qalet li dwar l-incident tal-mutur, hi ma kienetx presenti w ghalhekk ma kienet taf xejn.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 **Annabelle Sultana in kontr'ezami xehdet** [fol 186] li rat lil imputat Leo Borg isuq il-karozza taghha u lil imputat Marc Borg bhala passiggier fiha. Qalet li Leo Borg kien liebes flokk car u *jeans* u Mark Borg kien liebes skur. Qalet li l-vettura

taghha qabel insterqet kienet ipparkjata quddiem d-dar taghha, vicin il-bankina, thares lejn r-Rabat.  Qalet li meta rat il-vettura hi, l-vettura kienet f'nofs t-triq u peress li d-dawl ta' gewwa tal-vettura kien mixghul, setghet tara l-persuni fiha.  Mistoqsija kif kienet taf li zewgha kien mar d-Dwejra spjegat li wara l-incident bil-mutur li zewgha kellu mal-aggressuri, hu kien rritorna lura d-dar u kien qalilha li l-karozza taghhom kienet d-Dwejra w ghalhekk nizlu flimkien hemmhekk.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed Antoine sive Twanny Sultana** [fol 40] fejn qal li ghal habta tad-disgha jew d-dsigha w kwart ta' bil-lejl kienu semghu xi storbju quddiem d-dar taghhom, harget martu tittawwal mill-gallarija u rat zewg zaghzagh jisirqu l-karozza taghhom u telqu biha u marret tghidlu.  Qal li hu mar jigri fil-garaxx, hareg il-mutur tieghu, rikkeb lil martu mieghu u telqu fid-direzzjni ta' San Lawrenz fejn halla lil martu ghand ommha biex iccempel lil pulizija filwaqt li hu baqa niezel lejn d-Dwejra.

Qal li kif wasal hemm ra zewg zaghzagh hergin mill-vettura taghhom u jirkbu go karozza ohra li fiha kien hemm zewg persuni ohra, u telqu l-erbgha flimkien.  Qal li hu segwihom bil-mutur sa hdejn ic-cimiterju ta' San Lawrenz, jghidilhom biex jieqfu, pero dawn baqghu sejrin filwaqt li wiehed minnhom, l-imputat Leo Borg hareg mit-tieqa tal-vettura u beda jigbidlu idejh minn fuq il-mutur biex jwaqqghu pero xorta baqa jsegwihom.

Kompla jghid li hin minnhom kisru lejn l-Gharb u ghal darb'ohra Leo Borg ipprova jnehhilu idejh minn fuq il-mutur biex jwaqqghu.  Zied jghid li hin minnhom dahlu go sqaq, hu nizel minn fuq il-mutur w ghalqilhom t-triq bil-gebel biex ma johorgux minnu.  Kompla jghid li huma fferocjaw, bdew jghajjtu u jidghu u bdew jitfghu l-gebel fid-direzzjoni tieghu u hu ghamel l-istess fid-direzzjoni taghhom.  Qal li wiehed minnhom beda jhedded li kien ser johrog s-senter u jisparalu jekk ma jhallihomx jghaddu w ghalhekk irtira lura u hallihom inehhu l-gebel biex jitilqu.

Qal li waqt li kienu sejrin kissrulu l-mutur, baqghu dehlin fih, biex hu ma jkunx jista jsegwihom aktar. Qal li harab minn fuq il-post u mar ghand omm l-mara u marru bil-karozza taghha d-Dwejra fejn sabu lil pulizija. Zied jghid li wara saru jafu li kien hemm vapur tal-hdax mill-Imgarr u peress li kellu suspett li l-aggressuri taghhom kienu maltin, peress li kien gharafhom mill-accent li tkellmu bih, nizlu l-Imgarr u qaghdu fejn jaqtghu l-biljetti tal-vapur, raw tnejn minnhom, indikawhom lil pulizija u gew migbura mill-pulizija. Ix-xhud gharaf tnejn minn dawn iz-zaghzagh li hargu mill-vettura tieghu u jirkbu f’vettura ohra, bhala z-zewg imputati presenti fl-awla. Ix-xhud qal li hu kien ta dettalji tal-karozza tal-aggressuri lil pulizija bhala Izuzu Gemini griza bin-numru ta’ registrazzjoni IBA 643, li fil-fatt kien zbaljat fis-sens li l-ahhar numru flok 3 kellu jkun 8.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2005 **Twanny Sultana in kontr’ezami xehed** [fol 181] li martu kienet semghet xi hoss, infurmatu u hu hareg barra. Mistoqsi mid-difiza liema kien l-ewwel mument li ra l-vettura taghhom bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079, x-xhud wiegeb li ra d-Dwejra, qabel ma kienx raha. Mistoqsi kif gietu l-ideja li jmur jfittixha d-Dwejra, ix-xhud wiegeb li kien ovvju, ghaliex d-Dwejra hu disabitat u ma joqghod hadd u hu l-post idejali ghal dawn r-reati. Qal li meta nizel d-Dwejra setgha jara bid-dawl tal-mutur tieghu ghaliex beda jitfa d-dawl tal-mutur tieghu ghal fuqhom. Mistoqsi x’tip ta’ dawl ghandu fuq il-mutur tieghu, x-xhud wiegeb li fil-mutur tieghu ghandu l-*bright* w d-*dim*. Qal li hu kien f’distanza minnhom wisgha tal-awla u setgha jgharafhom sew minn fejn kien, ghalkemm ma hallihomx jarawh, pero meta rawh telqu *gas down*.

Qal li hu ra lis-zewg imputati presenti fl-awla johorgu mill-vettura tieghu u jidhlu f’vettura Izuzu Gemini. Kompla jghid li ghal ewwel haseb li ma kellux hsara kbira pero meta ccekkja l-vettura fuq fuq, wara li harbu, sab li kellha hafna hsarat w iddecida li jmur isegwihom u lahaqhom hdejn c-cimiterju tad-Dwejra. Qal li huma kienu erbgha fil-karozza, tnejn minnhom l-imputati presenti u li kien gharaf x-xatt jaqtghu l-biljetti biex jaharbu lejn Malta, pero lit-tnejn l-ohra ma kienx jafhom, ghalkemm kieku kellu jerga

jarahom, kien jaghrafhom wkoll. Ix-xhud ikkonferma li l-imputati presenti fl-awla kienu fil-vettura tieghu u mhux t-tnejn l-ohra li ma jafx minn huma.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed PC 833 Paul Azzopardi** [fol 42] fejn qal li hu kien presenti mal-Ispettur Maurice Curmi waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputat Leo Borg esibita fl-atti markata bhala dokument MC 2. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat inghata s-solita twissija qabel ma rrilaxxjha u gharaf l-firma tieghu u dik tal-Ispettur Maurice Curmi fuqha filwaqt li l-imputat Leo Borg ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed PC 1506 Louis Calleja** [fol 43] fejn qal li hu kien presenti mal-Ispettur Maurice Curmi waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputat Marc Borg esibita fl-atti markata bhala dokument MC 1. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat inghata s-solita twissija qabel ma rrilaxxjha u gharaf l-firma tieghu, dik ta' missier l-imputat, Carmelo Borg u dik tal-Ispettur Maurice Curmi fuqha filwaqt li l-imputat Marc Borg ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2004 **xehed Saviour Farrugia** [fol 51] ghan-nom tad-direttur tal-licenzji, fejn qal li l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 hija registrata fuq Annabelle Sultana li toqghod 'Mikelin', Triq il-Wileg, San Lawrenz. Qal li l-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064 ilu jghajjat lil Twanny Sultana ta' 12, Triq Simirat, Ghajnsielem minn qabel t-tmienja ta' Novembru 2003, filwaqt li l-vettura tal-ghamla Izuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni IBA 643 tghajjat lil Carmelo Borg ta' 10, Triq Notabile, H'Attard.

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2004 **rega' xehed Saviour Farrugia** [fol 132] fejn qal li li l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 hija registrata fuq Annabelle Sultana ta' 'Black Pearl' Flat 1, Triq

Frangisk Portelli, Gharb u ilha tghajjat lilha minn qabel l-incident li sehh nhar t-tmienja ta' Novembru 2003.

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2004 **xehed Joseph Zammit** [fol 73] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JZ [fol 74]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirizulta li il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 qabel ma garrbet is-serq u l-hsara, kellha valur ta' tlett telef lira maltin u biex tissewwa tinhtieg spiza ta' elf u tlett mitt lira fejn mhux inkluz l-hsara li setghet garrbet minn taht meta ntlaqtet.

Il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064, garrab hsarat estensivi u qabel ma garrab l-hsara li giet kkonstatata, kellu valur ta' elf u sitt mitt lira maltin. L-ispiza biex dan jigi rrangat tissupera l-valur li kellu w ghalhekk mhux vallapena li jissewwa u ghandu jigi meqjus bhala *beyond economical repair* u li dak li baqa minnu bhala *wreck value* u ta' mitejn lira maltin.

Illi nhar t-tnax ta' April 2005 **in kontr'ezami Joseph Zammit xehed** [fol 243] qal li hu ma sema' ebda xhieda ghajr lis-sidien tal-vetturi nvoluti f'dan il-kaz. Qal li hu kien ezamina t-tlett vetturi nvoluti fl-incident w ir-relazzjoni tieghu hija ffukata fuq il-hsarat li garrbu, b'mod partikolari l-vettura Fiat Punto. Qal li l-mutur garrab hsarat estensivi li fil-fehma tieghu mhux vallapena li jigi rrangat. Mistoqsi minn fejn jirrizultalu li l-vettura tal-ghamla Izuzu Gemini telghet fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064, kif jirrizulta a fol 11 tal-istess relazzjoni, x-xhud wiegeb li s-sinjali taz-zebgha markati fuq il-parti ta' wara tal-mutur kienu tal-istess kulur tas-sebgha tal-vettura tal-ghamla Izuzu Gemini.

Irrizultalu wkoll li l- il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064 kien wkoll laqat koxxa tal-bieb tal-garaxx u dan gie konstatat wara li hu mar fuq il-post u gibed ritratti f'dan is-sens. Iccara li l-vettura tal-ghamla Izuzu Gemini laqtet il-mutur tal-ghamla Yamaha, mhux telghet. Qal li hu qatt ma qal li l-mutur ma jissewwiex, qal

biss li mhux vallapena li jissewwa ghaliex l-ispiza tissupera l-valur tal-istess mutur. Qal li hu qatt ma ta valur tal-hsarat, qal biss li hu *beyond economical repair*. Qal li l-ammont involut jaqbez l-elf lira.
Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2004 **xehdu PC 46 Charlot Casha u PC 1147 Antoine Fenech** [fol 117] fejn esibew r-relazzjoni taghgom li giet mmarkata bhala dokument SOCO [fol 117]. Mistoqsija jekk kienx hemm x'impronti digitali, ix-xhieda wiegbu li dawn gew mehuda minn fuq il-vetturi u jinsabu inseriti fir-relazzjoni li esibew.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 **in kontr'ezami PC 46 Charlot Casha u PC 1147 Antoine Fenech xehdu** [fol 207] li l-inkarigu bhala Scene of the Crime Officers in konnessjoni ma sejba ta' karozza bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079, gie moghti lilhom mill-Magistrat Paul Coppini, u dan l-inkarigu kien jinkludi tfittix ta' evidenza forensika, gbid ta' ritratti u elevar ta' x'impronti digitali u dawk l-impronti digitali li setghu jelevaw, gew elevati.

Qalu li huma kienu wkoll accedew fil-fond muri fir-ritratti esibiti, fl-Gharb, Ghawdex fejn kien hemm presenti Twanny Sultana u PC 759 u kien Twanny Sultana li ndikalhom l-vettura allegatament misruqa tal-ghamla Izuzu Gemini u l-mutur in kwistjoni. Ziedu jghidu li presenti kien hemm l-Ufficjali Investigattivi. Qalu li huma gibdu ritratti u hadu l-impronti digitali ta' dawk il-persuni, skond l-inkarigu moghti lilhom. Huma elevaw ghaxar lifters li kienu tajbin biex jigu elevati minnhom.

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2004 **xehed Doctor Mario Saliba** [fol 131] fejn qal li Twanny Sultana kien mar l-isptar wara li allegatament kien allega li twaddbulu xi gebel ta' daqs kemmxejn kbir. Qal li hu hadlu X Rays, w irrizulta li ma kienx hemm griehi ta' natura gravi. Stqarr wkoll li kien irrilaxxja certifikat mediku pero dan ma giex esibit fl-atti w ghalhekk jekk effettivament Twanny Sultana kellux griehi jew le ma jirrisultax mill-atti.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2004 **xehdet l-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante** [fol 155] fejn ippresentat

u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument JSF [fol 156 et seq]. Qalet li l-inkarigu taghha kien li taghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputati li kienu mehuda nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 fl-awla u dawn elevati minn fuq il-vettura li allegatament giet misruqa. Qalet li dawn taw rizultat negattiv.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed l-imputat Leo Borg** [fol 188] fejn qal li l-jum ta' qabel hu u huh Marc kienu ftehmu li jitilghu Ghawdex u telghu mal-vapur jew tas-sebgha jew tat-tmienja ta' filghaxija. Qal li huh kien dardru l-vapur u ftehmu li jmorru l-Flamingo, li dak l-hin ma kienx jaf fejn jinsab. Qal li meta waslu hemmhekk, pogga lil huh bil-qeghda hdejn ragel u qallu biex joqghod ftit mieghu sakemm hu joqghod jixrob xi haga. Qal li hin minnhom kien hemm ragel iehor u talbu jilghab loghba *billiards* mieghu u hekk ghamlu.

Qal li waqt li kienu qed jilghabu l-*billiards*, kien hemm zewg Russi u qabdu maghhom w ghamlu xi nofs siegha hemmhekk u wara ftehmu li jmorru dawra. Marru lejn il-karozza, hu rikeb w r-ragel l-iehor rikeb in-naha tal-passiggier u dan qallu biex isuq hu ghaliex ma kienx jafu hemmhekk, u saq dan r-ragel. Qal li maghhom fil-karozza fuq wara kien hemm z-zewg Russi. Marru dawra u dahlu f'post imwarrab meta f'daqqa wahda wasal ragel fuqhom, li setgha kien Twanny Sultana, u beda jghajjat u hu qallu '*Ma dhalniex f'xi bicca proprjeta privata ahna hux?*' u qal lil dan r-ragel biex jergghu jmorru lura l-Flamingo fejn kien hemm huh.

Qal li meta wasal sab lil huh wahdu, ghaliex r-ragel li kien halla mieghu kien telaq, u qal lil huh biex jwasslu sal-vapur peress li hu kien ser jibqa Ghawdex. Qal li kien ser jibqa hemm biex forsi isib lil dak r-ragel u jnizzlu mieghu u mar jaqta. L-imputat zied jghid li dak l-hin li kien qed jixtri l-biljetti, gie arrestat ma huh u mehud l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, Ghawdex.

Mistoqsi 'n kontr'ezami, min kien r-ragel li qaghad jilghab il-*billiards* mieghu u li sussegwentement kien saq l-

karozza mieghu, ix-xhud wiegeb "*jien darba rajtu, darba Ghawdex*.' Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienux hu u huh biss fil-karozza waqt li kienu sejrin lejn l-Imgarr, ix-xhud wiegeb li hu u huh biss nizlu l-Imgarr. Qal li r-Russi u l-Ghawdxi l-iehor baqghu hemm.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni ghaliex meta marru jixtru l-biljetti tal-vapur, kien ipparkja l-karozza aktar 'l 'fuq u kien ser jirkeb il-vapur minghajr karozza, x-xhud wiegeb li hu kien ser iwassal lil huh biex ifittex lil dak r-ragel biex jinzel mieghu biex hu jibqa Ghawdex.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni kif jispjega l-fatt li meta marru jixtru l-biljetti tal-vapur, xtraw tnejn u kienu ser jipprocedu biex jirkbu l-vapur meta arrestawhom, ix-xhud wiegeb '*bilfors trid titla fuq il-vapur biex lil hija nghinu jfittex lil dan r-ragel. Fil-kundizzjoni li kien ma stajtx inhallih wahdu.*'

Mistoqsi jekk kien l-fatt li hu xtara biljett biex jitla fuq il-vapur u wara jerga jinzel, ix-xhud wiegeb '*iva… iva*'. Meta l-prosekuzzjoni spjegat lix-xhud li l-lira u hamsa w ghoxrin centezmu li hallas ghal biljett kien ser jhallihom hemm, ix-xhud wiegeb '*Iva, iva, ma jinteressaniex. Jien l-importanti li hija jasal d-dar qawwi u shih. Il-flus ma jghamlux daqshekk bija jien.*'

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed Michael Cacciattolo** [fol 193] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Novembru 2003 hu kien mar Ghawdex ghaliex gieli jiltaqghu Sixty's Night fil-Flamingo u haseb li dakinhar kienu telghin hemmhekk u tela' w ghamel hemm sa xi l-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl u nizel 'l isfel. Qal li sakemm dam hemm iltaqa ma Marc u huh u kien hemm iehor maghhom u kellhom xi tlett jew erbgha tfajliet maghhom. Qal li dakinhar lil Marc rah ma jiflahx u kwasi qaghad il-hin kollu hdejh. Qal li rremetta xi darbtejn u fil-fatt qallu biex joqghod hdejh sakemm jinzel hu mieghu. Qal li Marc qallu li f'kaz li huh ma jinzilx mieghu, jwasslu sal-vapur u jilhqu hemmhekk. Qal li Marc fl-ebda hin ma telaq mill-Flamingo sakemm dam hemmhekk hu. Mistoqsi

jekk lil Leo Borg rahx hiereg mill-Flamingo f’xi mument, x-xhud m’gharafx iwiegeb.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk meta Ghawdex iltaqa ma Marc u Leo Borg, kienetx l-ewwel darba dakinhar, x-xhud wiegeb li qabel kien jafhom u li Ghawdex iltaqa l-ewwel darba maghhom dakinhar. Spjega li lilhom ‘*as such’* ma jafhomx, jaf lil missierhom, u li sar jafu xi sena qabel. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk l-Flamingo f’Ghawdex telghax wahdu dakinhar, ix-xhud wiegeb ‘*jien tlajt wahdi ghax s-soltu niltaqghu aktar*’. Qal li hu darba biss dahal l-Flamingo u wara kien qabad l-vapur tal-hdax ta’ bil-lejl. Mistoqsi jekk l-imputati kienux fuq il-vapur li tela hu, ix-xhud wiegeb li le, qal li wara ma rahomx aktar u l-ahhar li rahom kien fil-Flamingo.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed PS 1464 Michael Portelli** [fol 210] fejn qal li hu kien riekeb ma ufficjal tal-pulizija iehor sejrin bil-karozza taghhom minn San Lawrenz ghal Gharb meta sabu *stereo* u gabruh u haduh l-ghassa. Qal li l-ghassa wrew dan l-i*stereo* lil Twanny Sultana li kkonferma li kien tieghu. Cahad b’mod kategoriku li tkellem mal-imputati waqt li kienu l-*lock up*. Qal li huma kienu sejrin lejn l-Gharb biex ifittxu ragel li kien telaq wara l-malviventi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed PS 755 Frank Gauci** [fol 212] fejn qal li Annabelle Sultana kienet qaltlu li wiehed mill-malviventi kien liebes flokk isfar u xi *jeans* u li wiehed minnhom kellu *spiky hair blond*. Zied jghid li referenza ghal dan hemm fl-okkorrenza esibita [fol 215].

Meta xehed in kontr’ezami **PS 755 Frank Gauci** [fol 213] qal li nhar t-tmienja ta’ Novembru 2003, ghal habta tad-disgha w ghoxrin ta’ bil-lejl, Annabell Sultana infurmatu permezz tat-telefon li kienet ghadha kemm rat zewg zaghzagh quddiem r-residenza fl-Gharb w ghalhekk nizel hemm fejn sab li kien hemm bicciet ta’ hgieg tan-naha tax-xufier mal-art tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjnoi ANA 079. Qal li l-vettura in kwistjoni Annabelle Sultana qaltlu li kienet miftuha w ic-cavetta kienet fil-bieba. Qal li waqt li

kien fuq il-post kien cempel zewgha li qal li kien sab il-karozza abbandunata w ghalhekk mar d-Dwejra fejn sab il-vettura b'xi hsarat fuq il-post. CD radio tal-ghamla Aiwa skond deskrizzjoni li nghatat lilu, ma nstabx. Qal li sussegwentement hu tkellem ma Twanny Sultana dan qallu li meta martu kienet infurmatu bis-serqa, hu kien telaq ghal wara l-malviventi sad-Dwejra. Qal li Twanny Sultana kien qallu li ra z-zaghzagh hergin mill-vettura tieghu u jirkbu go karozza Izuzu Gemini li biha spiccaw fi sqaq fi Triq San Pietru, l-Gharb. Twanny Sultana qallu wkoll li hu ghalaqhom bil-mutur, wiehed minnhom beda jheddu li kellu senter u qallu biex jwarrab biex jghaddu u fin-nuqqas jisparlu u saqu ghal fuqu u laqtulu l-mutur li kien bih. Qal li l-mutur garrab hsarat fuq il-furketta ta' wara. Zied jghid li Twanny Sultana qallu li kien mar l-isptar generali fejn gie nvistat minn Doctor Mario Saliba li ccertifikah li kien qed ibati minn *contusion* li kienet ta' natura hafifa. Ix-xhud qal li tas-CID kienu infurmawh li s-CD player kien instab abbandunat fil-pjazza ta' San Pietru fl-Gharb. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fo l215]. Ix-xhud qal li hu mar fuq il-post wara li rcieva t-telefonata u lil Twanny Sultana kien kellmu d-Dwejra. Qal li meta staqsa lil Twanny Sultana ghal deskrizzjoni tal-malviventi, dan kien qallu li kellhom bejn sittax u sbatax il-sena.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 **xehdet Victoria Camilleri** [fol 221] fejn qalet li dakinhar tal-incident hi kienet Ghawdex ma xi hbieb taghha. Qalet li waqt li kienet l-Flamingo bejn s-sebgha w id-disgha w kwart ta' filghaxija nnutat lil imputati u halliethom hemm meta telqet hi. Qalet li hi kienet wahda minn dawk t-tfajliet li jiltaqghu fis-Sixty's Nights u kienet telghet ma wahda ta' nazzjonalita barranija jisimha Paula. Qalet li peress li l-genituri tal-imputat kienu jmorru u jiffurmaw parti mill-grupp tas-Sixty's Night, lil imputati kien ilha tafhom snin. Qalet li wiehed mill-imputati ratu ma zewg tfajliet jilghab il-billiard, kien ma jiflahx ghaliex ghamillu d-deni l-vapur dakinhar. Ziedet tghid li hi marret bil-karozza lura l-Imgarr biex taqbad il-vapur tal-ghaxra ta' bil-lejl u qabdet l-vapur jew tal-ghaxra jew tal-hdax ta' bil-lejl. Qalet li gieli fil-Flamingo

ikun hemm tfal ta' sittax u tmintax il-sena, u kbar kien hemm.

Illi nhar t-tlieta ta' Marzu 2005 **xehed PS 1407 Frank Portelli** [fol 238] fejn qal li l-partecipazzjoni tieghu f'din l-investigazzjoni kienet limitata ghal fatt li kien gej minn San Lawrenz ghal Gharb u ra *stereo* fit-triq, gabru u hadu l-ghassa. Qal li meta dahal l-ghassa bl-istereo, kien hemm sid il-karozza li gharaf l-istess bhala li kien proprjeta tieghu.  Mistoqsi jekk kienx ra ll imputati l-Imgar, wiegeb li ma kienx rahom pero stqarr li kienu tawhom numru ta' vettura IBA 648 li meta nizlu l-Imgarr, lemhuha hemmhekk ipparkjata lejn l-Imgarr, fuq in-naha tal-lemin tat-triq vicin *supermarket*.  Qal li l-vettura li raw hemmhekk dakinhar kellha n-numru ta' registrazzjoni IBA 643 u mhux 648 kif kien gie ndikat lilhom.  Mistoqsi ghal darb'ohra jekk rax lil imputati l-Imgarr, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx liema wiehed minnhom ra, pero jaf li ra wiehed minnhom tiela fil-vettura mal-Ispettur. Qal li lil imputati ma rahomx aktar tard l-ghassa dakinhar.

Illi nhar t-tlieta ta' Marzu 2005 **xehed PC 759 Emanuel Zammit** [fol 240] fejn qal li ftit qabel nofsinhar tad-disgha ta' Novembru 2003, l-imputati kienu gew mizmuma l-Imgarr u hu kien nizel ghalihom mir-Rabat, akkumpanjhom lura lejn r-Rabat fl-ufficju taghhom tas-CID u baqa jzommhom sakemm gew interrogati mill-Ispettur Maurice Curmi.  Mistoqsi x'ilbies kellhom l-imputati dakinhar, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehed Tarcisio Mercieca** [fol 252] fejn qal li fit-tmienja ta' Jannar 2004, hu ghamel *survey* fuq mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBA 064 li kellu habta fuq wara.  Qal li dan ghamlu fuq talba ta' Twanny Sultana.  Zied jghid li hu jahdem bhala *surveyor* u jahdem mal-insurance.  Qal li kien hemm mitejn u hamsa w erbghin lira u sebghin centezmu inkluz l-*loss of use*.  Ix-xhud esibixxa kopja tas-*survey* li hu hareg li giet immarkata bhala dokument Z 1 [fol 253].  Ikkonferma li l-hsarat in kwistjoni kienu aktar minn hamsin lira maltin.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati serqu l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 ta' Annabelle Sultana w ikkagunaw hsarat voluntarji fl-istess vettura, filwaqt li sahansitra anke kkagunaw hsarat voluntarji fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBD 064 ta' Twanny Sultana, kif wkoll feriti ta'natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Twanny Sultana u talli serqu xi oggeti mill-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 ta' Annabelle Sultana u dan kollu fil-lejl tat-tmienja ta' Novembru 2002.

L-imputati minn naha taghhom, li ma kienux obbligati li jixhdu, qed jallegaw li dan kollu m'hu veru xejn u li huma telghu Ghawdex biss biex imorru divertita fil-Flamingo Bar.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputati qed jghidu l-verita jew li mhumiex. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjnoni li l-imputati mhumiex hatja tad-delitti imputati lilhom, trid wkoll tasal ghal konkluzzjnoi li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghhom speci ta' kongura minn persuni sabiex jaddebitawlhom delitti li ma kkommettewx.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-

imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi, l-Qorti ghandha tillibera favur l-imputati, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra

kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil:**

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahajr prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-prova cirkostanzjali trid twasslek ghal prova univoka u cioe l-unika interpretazzjoni ta' dik il-prova cirkostanzjali hija wahda u wahda biss, u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha l-ebda prova legali. Fil-fatt, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza ***fis-sbatax ta' Gunju, 1998*** dwar prova cirkostanzjali u cioe li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Il-prosekuzzjoni ghandha tasal aktar w oltre l-grad tas-suspettat jew tal-probabilita. Huwa l-akkuzat li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza tieghu, li jista jasal sal-frad tal-probabbli. Illi kif hu ben saput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-prosekjuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lil gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar r-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata, dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddecidi, ma jistax jiddecidi la naha u lanqas ohra.[vide **Il-Pulizija v Joseph Zampa et deciza *mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Lulju 1998***]

Id-difiza sostniet li l-Qorti ghandha temmen lil imputati u cioe li ma kienux huma li kkommettew d-delitti addabitati lilhom u fil-fatt ssostni li anke minhabba l-fatt li l-*finger prints* li gew mehuda tal-imputati ma jaqblux ma dawk elevati minn fuq x-xena tad-delitt. Din fil-fehma tad-difiza, hija bizzejjed biex il-Qorti tillibera lil imputati.

Bir-rispett kollu pero, din id-difiza bla ebda mod ma treggi l-ghaliex il-kaz tal-prosekuzzjoni mhux bbazat fuq din il-prova jew nuqqas taghha, izda fuq provi ohra li huma bizzejjed, fil-fehma taghha, biex jwasslu lil Qorti li ssib htija fuq l-akkuzati. Il-prova tal-impronti digitali qeghda hemmhekk sabiex f'kazijiet, issahhah provi ohra tal-prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova. Fejn hemm provi ohra cari u anke cirkostanzi skond l-ligi, mhux necessarjament li ghandu bilfors ikun hemm wkoll l-provi tal-marki tas-swaba.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u <u>hadd iktar, anzi l-akkuzat biss</u>, li hu il-hati u li l-provi li jigu mressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkew prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat bir-reati addebitati lilu.

Illi dan il-kaz fil-fatt, jippernja fuq provi jew inidizzji cirkostanzjali. Kif dejjem gie ritenut, tali provi ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Fil-fatt, l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni, huma ndizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konvinzjoni li kienu l-akkuzati u hadd aktar, anzi l-akkuzati biss li kienu l-hatja u li l-provi li tressqu, kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza taghhom.

Din il-Qorti tirrileva li l-apprezzament tal-provi u tal-fatti isir b'mod korrett meta jigu mehuda in konsiderazzjoni l-provi u cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom u mhux b'mod individwali u spezzettati, kif donnu qalet d-difiza fit-trattazzjoni taghha.

Illi f'dan il-kaz, z-zewg vittmi u cioe l-konjugi Annabelle u Twanny Sultana, gharfu lil imputati bhala l-aggressuri taghhom. Annebelle Sultana tghid li rat lil imputati jisirqu l-vettura taghha tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 minn wara l-bieb tar-residenza taghha. Tghid li semghet hgieg jinkiser, ittawlet minn gewwa darha u rat lil imputat Lee Borg jkisser il-hgiega tal-vettura u jidhol fl-istess vettura flimkien mal-ko-akkuzat Marc Borg. Tghid li l-bieba tal-vettura kienet miftuha meta harset u bid-dawl ta' gewwa tal-vettura li kienet f'posizzjoni li tara sew w ghalhekk b'certezza tghid li kienu l-imputati. Hija wkoll tat deskrizzjoni tal-malviventi cioe ta' wiehed li kien liebes ilbies skur u l-iehor kellu qmis safranija u jeans u kellu xaghru *spiky*.

Issa minn ezami tar-ritratti mehuda minn membri tal-forensika jirrizulta li wiehed mill-imputati kien liebes skur, qmis blu skura u jeans u l-iehor kellu xaghru *spiky* u kien liebes qmis irrigata bl-isfar.

Hija tghid li dak l-hin ghajtet lil zewgha Twanny li minn naha tieghu mar jigri fil-garaxx, hareg il-mutur tieghu u telaq ghal wara l-aggressuri. Huwa mar ifittixhom d-Dwejra u fil-fatt hemmhekk ra l-vettura ta'martu u ra lil imputati jinzlu minn din il-vettura li sa dak l-hin kienet bid-daqqiet u rahom dehlin f'karozza tal-ghamla Izuzu Gemini ta' kulur griz.

Mistoqsi jekk hax in-numru tal-vettura, Twanny Sultana jghid li hadu u li sa fejn jiftakar kien IBA 643. Qal wkoll li hu xeghel d-dawl tal-mutur tieghu fuqhom w ghalhekk setgha jara bic-car dak li kien qed jigri.

Sussegwentement l-imputati telqu jigru bil-vettura Izuzu Gemini u Twanny Sultana saq ghal warajhom. F'xi hin spicca ghalaqhom fi sqaq. Matul t-triq l-imputati bdew jahbtu fil-mutur waqt li Twanny Sultana kien riekeb fuqu bil-ghan li waqqghuh min fuqu u jwegguh u b'hekk ma jkunx jista isegwihom aktar. Qal li fl-ahhar l-imputati li kienu vicin teighu bdew jhedduh u jghidulu li jekk ma kienx ser ihallihom jitilqu, huma kienu ser jisparawlu. Kien dak l-hin li beza' u resqilhom minn nofs u huma telqu lil hinn.

Twanny Sultana jghid li semgha lil imputati jitkellmu, specjalment meta bdew jhedduh u haseb minnufih li kienu maltin. Ghalhekk hu qal lil pulizija b'dak li kien ra u minnufih nizel l-Imgarr flimkien mal-pulizija u martu u hdejn t-*ticket booth*, kemm hu kif wkoll martu gharfu liz-zewg imputati bhala l-aggressuri taghhom.

Dak l-hin, saret tfittxija fuq l-persuna tal-imputati u fil-but tal-imputat Leo Borg, insabet cavetta tal-vettura Izuzu Gemini. Il-pulizija harset fl-akwati w innutat li kien hemm vettura tal-ghamla Isuzu Gemini ta' kulur griz bin-numru ta' registrazzjoni IBA 648 u mhux 643 kif kien gie allegat lilha. Izda minn ricerka li ghamlet, u kif jirrizulta mix-xhieda ta' Saviour Farrugia, rappresentant tad-dipartiment tal-licenzji, din il-vettura griz bin-numru ta' registrazzjoni IBA 648 tghajjat lil Carmelo Borg, missier l-imputati. Meta l-imputati gew mistoqsija l-ghala kienu sejrin Malta minghajr il-vettura, hadd minnhom ma ta risposta izda kienu evasivi hafna [vide dokument MC 2 u MC 1.

Fil-fatt, Leo Borg jghid wkoll li huwa ma kienx sejjer lura Malta ma huh Marc dakinhar, izda kien ser jakkumpanjah fuq il-vapur sabiex ifittex lil persuna li kien iltaqa maghha qabel biex iwassal lil huh d-dar peress li ma kienx jiflah. Dan nonostante, pero f'idejn l-imputati meta gew arrestati, kien hemm zewg bil-jetti tal-vapur.

Inoltre, hadd mill-ufficjali tal-pulziija u del resto lanqas Marc Borg stess ma jghid f'xi hin li kien ma jiflahx fl-isqarrija tieghu, kif qal Leo Borg meta xehed l-Qorti.

In oltre, huwa nteressanti tosserva l-Qorti li fl-istqarrija li l-imputati rrilaxxjaw a tempo vergine tal-istqarrija taghhom ftit ara li sehh l-incident, li ma jsemmu lil hadd sabiex jikkolloboraw l-fatti kif spjegati minnhom, ghalkemm il-Qorti ressqu zewg minn nies li fil-fehma tal-Qorti, ma tantx huma kredibbli.

Jirrizulta wkoll li fit-triq mill-Gharb ghad-Dwejra, u cioe fl-istess triq li ghaddew l-aggressuri minnha, il-pulizija sabet wkoll l-is*tereo* li kien insteraq mill-vettura tal-ghamla Fiat

Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079 ta’ Annabelle Sultana u fil-fatt l-konjugi Sultana gharfu dan l-i*stereo* bhala dak li kien taghhom.

Id-difiza hanbqet wkoll fuq il-fatt li ebda wiehed mill-imputati ma kien liebes flokk [hi tghid T Shirt] isfar kif qalet Annabelle Sultana. Minn esami tar-ritratti mehuda minn PC 1147 Antoine Fenech jirrizulta li verament dakinhar hadd mill-imputati ma kellu T Shirt isfar izda wiehed mill-imputati u cioe Leo Borg kien liebes qmis bil-*cream* li minn distanza tidher safranija. In oltre pero hija tghid li l-aggressuri kienu lebsin jeans u verament hekk kien.

Qalet wkoll li wiehed mill-aggressuri kien liebes ilbies skur u mir-ritratti esibiti mill-membru tal-forensika, dan il-fatt gie konfermat u li l-imputat li kien liebes il-qmis safranija kellu xaghru *blonde* u *spiky*.

In oltre, Twanny Sultana jghid fejn gie milqut fuq il-mutur u l-espert nomina mill-Qorti jikkonferma li l-mutur verament kellu d-daqqiet li qal li kellu Twanny Sultana. L-espert Joseph Zammit kien ezamina il-vettura tal-ghamla Izuzu Gemini bin-numru ta’ registrazzjoni EBD 064 u jirrisulta fil-fehma tieghu, li l-hsarat li kellha kienu kompatibbli ma dik li nstabet fuq il-mutur u dawk li nstabu fuq il-hajt fit-triq *cul de sac*, fejn Twany Sultana qal li zammewh.

Qal li minn ezami li ghamel hu fuq il-mutur instabet zebgha tal-vettura Izuzu Gemini u hadd mill-imputati ma pprova jaghti spjegazzjoni ghal dan il-fatt.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi s-segwenti:

Illi ma hemmx dubbju li l-imputati serqu l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079 ta’ Annabelle Sultana u li tali serq huwa aggravat bil-mezz [stante li sar sgass fuqha], bil-valur [stante li skond l-espert tal-Qorti Jospeh Zammit din il-vettura kellha valur ta’ tlett elef lira maltin] u bix-xorta tal-haga misruqa, pero mhux hatja tal-akkuza tar-ricettazzjoni taghha, liema akkuza nghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza

alternattiva w ghalhekk minn din l-akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Dwar l-akkuza ta’ hsara voluntarja fuq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA 079, il-Qorti kellha tezamina u tara x’tip ta’ hsara kellha din il-vettura. Dan ghamlitu ghaliex r-reat ta’ danni voluntarji seta sar biss bhala mezz ghal fini u ghalhekk, f’dak il-kaz biss, dak r-reat kien jigi kompriz w involut fl-akkuza tas-serq bl-aggravju tal-mezz. Pero din l-akkuza timmerita certu konsiderazzjoni ghaliex ovvjamwent, jekk l-hsara riskontrata mhiex limitata biss ghal fatt tal-isgass, allura l-akkuza ta’ hsara voluntarja per se, tirrizulta.

Illi minn ezami tal-atti, jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex kiseb access ghal gol-vettura w ghalhekk, dan r-reat jista jikkonfigura *on its own merits* u ma jkunx jista jigi nvokat l-beneficcju tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Dan is-sub inciz jiddisponi hekk:

*"Meta zewg reati jew izjed li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-rear l-aktar gravi."*

Mid-dicitura tal-ligi, johrog car li fejn jinholqu dawn c-cirkostanzi, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghal fini tal-piena biss, din tigi assorbita f'dak r-reat aktar gavi, imma r-reat per se jissusisti, imma l-piena tieghu tigi assorbita f'pieni ohra akbar.

Fi kliem l-**Professur Mamo** - ***Notes on Criminal Laws*** - [Part 1 - pag. 167- 1963 Edit]:
*"…where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime [e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence] and are linked to one another by the nexus or means to an end, these although each of the several offences, retains its specific identity, only the punishment provided for the*

*greater offence can be awarded. This is of the application of the method of 'assorbimento'.*

Illi ma hemmx dubbju li l-akkuza ta' hsara voluntarja fuq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA 079 tirrizulta indipendentement mill-aggravju tal-mezz tas-serq u dan a bazi ta' dak li rrileva l-espert teknikju Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu.

L-imputati gew akkuzati wkoll li kkagunaw hsara fuq il-mutur ta' Tanny Sultana w il-Qorti ssibhom hatja ta' din l-akkuza wkoll peress li tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar l-ahhar akkuza u cioe dik li kkagunaw ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Twanny Sultana, il-Qorti ezaminat l-process bir-reqqa kollha w innutat li ma gie esibit ebda certifikat mediku fl-atti u meta xehed t-Tabib Mario Saliba, stqarr li huwa kien irrilaxxja certifikat mediku u li kien f'posizzjoni li jara n-notamenti tal-isptar dwar x'kien irriskontra pero dawn n-notamenti qatt ma gew ippresentati ghalkemm ipprometta li jghamel dan meta xehed nhar s-sitta ta' Mejju 2005 [fol 131].

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281, 18 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed <u>issib lil imputati LEO BORG u MARC BORG hatja ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u tar-reat ta' hsara voluntarja</u> u mhux hatja tal-akkuza li kkaguna feriti ta' natura hafifa u tilliberah minnha.**

**In oltre tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**
**Dwar il-piena ghal akkuzi li sabet lil imputati hatja il-Qorti rat li l-imputati ghalkemm huma *first time offenders*, skond l-fedina penali taghhom, agixxew b'tali manjiera ta' determinazzjoni f'dak li ghamlu ghaliex mhux kienu serqu l-vettura w abbandunawha izda sahansitra, anke ippruvaw jwegghu lil Twanny Sultana billi rassewh meta kien bil-mutur tieghu jigri**

**warajhom w ikkagunawlu hsara voluntarja fuq il-mutur tieghu f'ammont konsiderevoli.**

**In oltre jirrizulta li d-danni li sofrew l-konjugi Sultana huma kbar u li l-imputati ma wrew ebda sinjal ta' rimborsament.**

**Ma hemmx dubbju li l-piena f'dan il-kaz ma tistax tkun l-istess ghaliex l-imptuat Marc Borg fil-mument meta kkommetta dan r-reat, kien ghadu minuri w ghalhekk ghandu jibbenefika minn dak li jghid l-artikolu 37 tal-Kap 9 u cioe li "*Jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-senaizda ma jkollux tmintax il-sena, il-piena applikabbli ghar-reati ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn*."**

**Illi ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lil imputat MARC BORG ghal piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lil imputat LEO BORG ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs [2½].**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li f'dan il-kaz kienu gew nominati Joseph Zammit bhala perit tekniku, PS 46 Charlo Casha u PC 1147 Antoine Fenech bhala membri tal-forensika w ghaldaqstant tordna lil imputati jhallsu lid-Direttur tal-Qorti s-somma ta' mitejn sitta w disghin lira u tmienja w tmenin centezmu [LM296.88](fol 90 u 128) rappresentanti l-ispejjes inkorsi fil-hatra tal-esperti fuq imsemmija fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat MARC BORG u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservha u dan l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------